L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum il-**Gimgha, 21 ta' Awwissu, 2020** fid-09:30am fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi. Dehru whud mill-membri tal-familja. Deher Dr. Peter Caruana Galizia.

Deher Dr. Maurizio Cordina bhala Avukat tal-Istat.

Dr. Therese Comodini Cachia pprezentat Nota li kellha tipprezenta skont l-ahhar verbal tad-19 ta' Awwissu 2008 dwar il-kumpaniji u l-persuni li dwarha tkun rilevanti x-xhieda tal-Kummissarju tat-Taxxi Marvin Gaerty Dokument MG.

Il-Bord jezenta lix-xhud Lawrence Cutajar mis-sigriet moghti permezz tal-Kap 373 Prevention of Money Laundering Artikolu 24 (1) u (2) ghal dak li jirrigwarda xi dokumenti fuq rapporti tal-F.I.A.U.

Il-Bord qed jaghti t-twissija lix-xhud li jista' jirrifjuta li jwiegeb ghad-domandi jekk bir-risposta tieghu jista' jinkrimina ruhu. Dan stante inkjesta li nfethet fil-konfront tieghu dwar kuntatti o meno li kellu ma' Edwin Brincat maghruf bhala l-Gojja.

Ix-xhud qed jigi assistit minn Dr.Ezekiel Psaila.

**L-Ex Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar** xehed bil-gurament u bil-Malti.

Ix-xhieda ta' Lawrence Cutajar qed tigi posposta u ser tkompli nhar il-Erbgha, 2 ta' Settembru 2020 fid-9.30 a.m.

**Superintendent Antonovitch Muscat** jixhed bil-gurament u bil-Malti.

Il-Bord qed jiddiferixxi l-inkjesta ghal nhar il-Erbgha, 26 ta' Awwissu 2020 sabiex jixhed is-Sur Alan Said fid-9.30 a.m. u s-Sur William Wait fl-10.30 a.m. u ghal nhar il-Gimgha, 28 ta' Awwissu 2020 sabiex jixhed Alfred Camilleri fid-9.30 a.m.

Rita Falzon
Bord tal-Inkjesta